MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 1232/1996/1

**Evette Agius mart Joseph**

**Vs**

**Jason Demicoli**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attrici s-somma ta’ Lm165.90,0 (mija u hamsa u sittin lira maltin u disghin centezmu) jew somma verjuri, ammont rapprezentanti danni sofferti mill-attrici fil-vettura Mini Minor li ggib in-numru ta’ registrazzjoni S-3935, b’rizultat ta’ incident awtomobilistiku li sehh f’Ta’ Paris, B’Kara fis-16 ta’ Dicembru 1995 waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni H-4769, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta‘

osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjes u interessi legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-att sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (a fol 7 tal-atti) li biha eccepixxa illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici stante li l-konvenut tellalha d-daqqa fuq il-karozza u baghat sprayer sabiex jisprejja l-karozza ghaliex qalet lill-isprayer li dejjem kellha bzonnha.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ispiza ndikata mill-attrici hija wahda esagerata.

Illi peress li l-konvenut ha l-passi li setgha sabiex jonora l-obbligi tieghu, ghalhekk m’ghandux ibati spejjez gudizzjarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, minn nota tal-eccezzjonijiet tal-istess <u>konvenut</u>, jidher li dan <u>qed jaccetta ir-responsabilita</u>’ da parti tieghu, ghall-incident in esami.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, dwar dak li hu kontestat skond istess nota ta’ eccezzjonijiet, <u>Joseph Agius</u>, ir-ragel tal-attrici, spjega illi dan il-kaz kien wiehed hekk imsejjah ‘hit and run’ u, wara li kien skopra illi kien il-konvenut li habat mal-vettura parkeggata tal-attrici martu, u li l-konvenut kien ammetta dan quddiem il-Pulizija (ara ukoll fol 43 ibid) bi ftehim mal-istess konvenut u fuq suggeriment ta’ dan, kien ha l-istess vettura ghand tellar partikolari f’Haz Zabbar. Pero, fi kliem l-istess xhud, “… il-karozza ma kienetx giet tajba’ u ‘ … x-xoghol ma kienx tajjeb’ u dan ghar-ragjunijiet specifikati fl-istess xhieda. Inoltre hu semma’ ukoll li ma tantx kien

kuntent, bil-bniedem li kien gie, minghajr pre-avviz, sabiex jiehu l-istess vettura ghall-iskop ta’ spray’ ghar-ragjuni risultanti mix-xhieda tieghu. Ghalhekk, hu kien inkariga lill Charles Attard sabiex jaghmel ‘survey’ tal-istess vettura (ara fol 13 u fol 44 tal-istess atti). Dan kollu premess gie konfermat fis-sustanza mill-istess attrici (fol 22 u fol 23 ibid). Jigi, pero’, notat illi l-attrici spjegat illi meta kien gie jkellimha, minghajr pre-avviz, l-‘sprayer’, dan kien semplicement issugerixxa illi taccetta s-somma ta’ Lm50 bhala risarciment liema proposta ma kienetx accettabbli ghaliha. Illi trid issir referenza ukoll ghar-ritratti esebiti a fol 18 tal-atti (Dok 5 sa Dok 12).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 50 u fol 51 ibid) wara li ammetta li kien habat mal-vettura parkeggata tal-attrici, sostna li l-istess vettura kienet ittiehdet, bi ftehim, ghand tellar. Inoltre, in rigward ‘spray’, hu kompla biex jghid illi, fiz-zmien in kwistjoni, kellu habib tieghu, ormai mejjet, li seta’ jaghmel dan ix-xoghol. Pero, skond, hu, l-attrici “… dejjem kellha xi haga x’taghmel u ghalhekk ma stajniex nohduha” sakemm l-attrici kienet qalet lill-istess habib tal-konvenut illi riedet illi l-karozza kollha kellha tigi ‘sprayed’. Dwar il-premess, il-konvenut sahaq illi kien hallas lit-tellar inkarigat waqt in rigward l-‘spray’, kien gie informat illi l-ispiza kellha tkun ta’ Lm40 biss.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-premess, u minhabba dak li xehed il-konvenut, hu opportun li jinghad illi dak li sehh bejn il-partijiet involuti ghandu l-elementi kollha li jikkostitwixxi transazzjoni (‘compromise’ fit-test Ingliz) skond kif regolat mill-artikolu 1233 tal-Kodici Civili. Dan jistipula li f’kaz ta’ transazzjoni ( sub inciz (1) (d), din ghandha issir, almenu, bi skrittura privata u dan tassativament u ‘ad validitatem’ . Fil-kaz in desamina l-arrangament u l-ftehim bejn il-partijiet, jekk, filfatt, kien hemm tali ftehim, kellu jigi segwit b’kitba pruvata bejniethom, liema skrittura pero’ ma saritx. Ghalhekk jekk sar dan il-ftehim, dan kien, biss, verbali u b’hekk invalidu skond il-ligi.

Illi, dan premess, il-Qorti rat jekk mill-provi prodotti, s-somma mitluba ghandhiex tigi konsiderata bhala esagerata jew bhala mhix gustifikata fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz. Dwar dan il-punt gew kunsiderati:-

a) ix-xhieda moghtija mill-imsemmi 'surveyor' inkarigat mir-ragel tal-attrici tindika li hu kien ra l-karozza involuta wara li kienu saru xi xogholijiet ta' riparazzjoni fuqha. Xorta wahda, jidher li dawn ix-xogholijiet kienu gew esegwiti b'mod difettuz u mhux skond l-arti u s-sengha.

b) Il-konvenut, fix-xhieda tieghu, sostna li hu kien hallas it-tellar tax-xoghol hekk esegwit. Pero, f'dan ir-rigward, kien mistenni minnu illi jikkorobora dan b'xi prova dokumentarja u attendibbli.

c) Mir-ritratti annessi mal-atti a fol 18 wiehed jista' jara l-hsara kawzata bhala konsegwenza diretta tal-incident in esami. Inoltre ghandha issir referenza ghad-dokumenti esebiti in atti, b'nota, minn fol 15 sa fol 17.

Illi, wara li gew konsiderati dawn il-punti, ma jidhirx li s-somma mitluba fl-avviz hi wahda eccessiva jew ingustifikata.

Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom, ghar-ragunijiet premessi, jigu akkolti 'in toto'.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenuta bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;
2. Tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm165.90,0 u;
3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici s-somma ta' Lm165.90.0 bl-imghax legali mit-13 ta' Novembru 1996 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------